MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-8 ta' April, 2013

Talba Numru. 160/2012

**Mobisle Communications Limited [C-24655]**

**Vs**

**Giorgio VISITINI [ID. Nru. 23411A] u b'digriet datat 14 ta' Marzu, 2012 kunjom l-intimat gie jaqra VISINTINI**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fil-5 ta' Marzu, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' elfejn mija u sittax-il euro [€2,116.59c][1] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta attriċi s-somma ta' elfejn mija u sittax-il ewro disgha u hamsin ċenteżmu (€2116.59) in konnessjoni ma' ftehim ta' pagamenti rateali datat 2 ta' Awwissu 2011.

[1] Dan l-ammont gie ridott permezz ta' nota ppreżentata fit-13 ta' Settembru, 2012 (fol. 16) ghall-elf erba' mija u ghaxar euro u disa u disghin ċenteżmi ta' euro [€1,410.99c].

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez”.

Ra n-nota ta’ riduzzjoni mressqa mis-socjeta rikorrenti fit-13 ta’ Settembru, 2012 (fol. 16) u li permezz taghha l-ammont originarjament mitlub ta’ elfejn mija u sittax-il euro [€2,116.59c] gie ridott ghal ammont ta’ elf erba’ mija u ghaxar euro u disgha u disghin centezmu ta’ euro [€1,410.99c].

Ra l-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Marzu, 2013 fejn l-intimat ammetta li huwa ghandu jaghti lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ elf erba’ mija u ghaxar euro u disgha u disghin centezmu ta’ euro [€1,410.99c].

Semgha’ lill-istess intimat fis-seduta tas-26 ta’ Marzu, 2013 jammetti li huwa ghandu jaghti l-ammont ta’ elf erba’ mija u ghaxar euro u disgha u disghin centezmu ta’ euro [€1,410.99c].

Ra n-nota pprezentata mill-intimat fis-26 ta’ Marzu, 2013 (fol. 23) u li permezz taghha huwa ammetta li ghandu jaghti lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ elf erba’ mija u ghaxar euro u disgha u disghin centezmu ta’ euro [€1,410.99c].

Ra l-verbal tas-26 ta’ Marzu, 2013 fejn it-Tribunal halla t-Talba ghas-sentenza ghall-lum;

In vista ta’ din l-ammissjoni, t-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif ridotta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi din it-talba billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta’ elf erba’ mija u ghaxar euro u disgha u disghin centezmu ta’ euro [€1,410.99c] u konsegwentement jikkundanna lill-intimat jhallas l-ammont ta’ elf erba’ mija u ghaxar euro u disgha

u disghin centezmu ta’ euro [€1,410.99c] lis-socjeta rikorrenti bl-imghaxijiet mid-data minn meta kien dovut l-ammont.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jithallsu interament mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------